– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 tat-2 ta’ Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għal ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-miśħun

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 4/2014 tas-6 ta’ Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 640/2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta’ ekodisinn għal muturi tal-elettriku

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 66/2014 tal-14 ta’ Jannar 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal apparat domestiku għat-tisjir

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 548/2014 tal- 21 ta' Mejju 2014 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' transformers tal-elettriku ta' qawwa żgħira, medja u għolja

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2014 tas-7 ta’ Lulju 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal units ta’ ventilazzjoni

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1095 tal-5 ta’ Mejju 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kabinetti għall-ħżin refriġirat professjonali, kabinetti ta' refriġerazzjoni rapida, unitajiet ta' kondensazzjoni u chillers tal-proċess

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1185 tal-24 ta’ April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 tat-28 ta’ April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1189 tat-28 ta’ April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bojlers tal-fjuwil solidu

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1428 tal-25 ta’ Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal bozoz tad-dar li ma jitfgħux id-dawl f’direzzjoni waħda kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b’discharge ta’ intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta’ dan it-tip, u li jħassar id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1194/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal lampi direzzjonali, lampi b’dajowd li jemetti d-dawl u t-tagħmir relatat

Il-Kunsill ta’ Sħubija se jivvaluta b’mod regolari l-possibbiltà li jistabilixxi skedi ta’ żmien speċifiċi għall-implimentazzjoni ta’ dawn ir-Regolamenti u Direttivi.

Id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2010/30/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Direttivi/Regolamenti Implimentattivi:

– Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE tad-19 ta' Settembru 1996 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija ta' magni tad-dar għall-ħasil u għat-tnixxif tal-ħwejjeġ f'daqqa

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 96/60/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1059/2010 għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiku

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1060/2010 għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 tat-28 ta’ Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1061/2010 għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 tat-28 ta’ Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku għat-televixins

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1062/2010 għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 626/2011 tal-4 ta’ Mejju 2011 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) Nru 626/2011 għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 tal- ta’ Marzu 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’dak li għandu x’jaqsam mat-tikkettar dwar il-konsum tal-enerġija tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ domestiċi

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) Nru 392/2012 għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-bozoz tal-elettriku u l-unitajiet tat-tidwil

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) Nru 874/2012 għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari

– Ir-Regolament Degelat tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2014 tal-1 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar enerġetiku tal-fran domestiċi u l-estratturi tal-kukers

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 518/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010, (UE) Nru 1060/2010, (UE) Nru 1061/2010, (UE) Nru 1062/2010, (UE) Nru 626/2011, (UE) Nru 392/2012, (UE) Nru 874/2012, (UE) Nru 665/2013, (UE) Nru 811/2013 u (UE) Nru 812/2013 dwar it-tikkettar ta' prodotti b'rabta mal-enerġija fuq l-Internet

– Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-kundizzjonaturi tal-arja

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1094 tal-5 ta' Mejju 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tar-refriġerazzjoni professjonali

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 tal-24 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post lokali

– Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1187 ta-27 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu

Il-Kunsill ta’ Sħubija se jivvaluta b’mod regolari l-possibbiltà li jistabilixxi skedi ta’ żmien speċifiċi għall-implimentazzjoni ta’ dawn ir-Regolamenti.

Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju

– Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/202/UE tal-20 ta’ Marzu 2014 li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta’ deċiżjoni tal-entitajiet tal-ġestjoni skont il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta’ programmi tal-ittikkettar tal-użu effiċjenti tal-enerġija għat-tagħmir tal-uffiċċji jiżdidulha speċifikazzjonijiet għal servers informatiċi u fornimenti tal-enerġija mingħajr interruzzjoni mal-Anness C tal-Ftehim u dwar ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għad-displejs u t-tagħmir tal-immaġni inkluż fl-Anness C tal-Ftehim

– Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1402 tal-15 ta' Lulju 2015 li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' deċiżjoni tal-entitajiet amministrattivi skont il-ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir tal-uffiċċju dwar ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kompjuters inklużi fl-Anness C tal-Ftehim

Il-Kunsill ta’ Sħubija se jivvaluta b’mod regolari l-possibbiltà li jiġu stabbiliti skedi ta’ żmien speċfiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 106/2008 u d-Deċiżjonijiet 2014/202/UE u (UE) 2015/1402.

Ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra.

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 228/2011 tas-7 ta’ Marzu 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodu tal-ittestjar tal-qabda fuq l-imxarrab għat-tajers C1

– Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1235/2011 tad-29 ta’ Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab għat-tajers, il-kejl tar-reżistenza għad-dawrien u l-proċedura ta' verifika

Il-Kunsill ta’ Sħubija se jivvaluta b’mod regolari l-possibbiltà li jiġu stabbiliti skedi ta’ żmien speċifiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1222/2009, (UE) Nru 228/2011 u (UE) No 1235/2011.

L-enerġija rinnovabbli

Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/28/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Nukleari

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta’ Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta’ vjaġġi ta’ skart radjuattiv u ta’ karburant użat

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2006/117/Euratom għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta’ Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari, kif emendata

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2009/71/Euratom għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2011/70/Euratom għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta’ Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa fir-rigward ta’ sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2013/51/Euratom għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta’ Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti.

Skeda ta' żmien: id-dispożizzjonijiet tal-Direttiva 2013/59/Euratom għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ANNESS III

għall-KAPITOLU 3: AMBJENT tat-TITOLU V: POLITIKI OĦRA TA' KOOPERAZZJONI

Ir-Repubblika tal-Armenja tintrabat li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha lejn il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-strumenti internazzjonali segwenti fiż-żmien stipulat.

Il-governanza ambjentali u l-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma oħra ta' politika

Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' rekwiżiti li l-proġetti tal-Anness I ta' dik id-Direttiva jkunu suġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali u għal proċedura biex jiġi deċiż liema proġetti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva jirrekjedu l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali (l-Artikolu 4)

– Id-determinazzjoni tal-ambitu tal-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-iżviluppatur (l-Artikolu 5)

– L-istabbiliment ta' proċedura ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet ambjentali u proċedura ta' konsultazzjoni pubblika (l-Artikolu 6)

– L-istabbiliment ta’ arranġamenti għall-iskambju ta’ informazzjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri li l-ambjent tagħhom x’aktarx li se jiġi affettwat b’mod sinifikanti minn xi proġett (l-Artikolu 7);

– L-istabbiliment ta' miżuri biex il-pubbliku jkunu jista' jiġi nnotifikat bir-riżultati ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-kunsens għall-iżvilupp (l-Artikolu 9)

– L-istabbiliment ta' proċeduri effettivi, mhux għaljin wisq u f'waqthom ta' rieżami fil-livell amministrattiv u ġudizzjarju li jinvolvu lill-pubbliku u lill-NGOs (l-Artikolu 11)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' proċedura għal deċiżjoni dwar liema pjani jew programmi jkunu jirrekjedu valutazzjoni ambjentali strateġika u ta' rekwiżiti li l-pjani u l-programmi li għalihom il-valutazzjoni ambjentali strateġika tkun obbligatorja jkunu suġġetti għal valutazzjoni bħal din (l-Artikolu 3)

– L-istabbiliment ta' proċedura ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet ambjentali u proċedura ta' konsultazzjoni pubblika (l-Artikolu 6)

– L-istabbiliment ta’ arranġamenti għall-iskambju ta’ informazzjoni u konsultazzjoni mal-Istati Membri li l-ambjent tagħhom x’aktarx li se jiġi affettwat b’mod sinifikanti minn xi pjan jew programm (l-Artikolu 7);

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar aċċess pubblika għal informazzjoni ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' arranġamenti prattiċi skont liema l-informazzjoni ambjentali ssir disponibbli lill-pubbliku u tal-eċċezzjonijiet applikabbli (l-Artikolu 3 u 4)

– Jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni ambjentali (l-Artikolu 3(1))

– L-istabbiliment ta' proċeduri biex jiġu rieżaminati deċiżjonijiet li ma tingħatax informazzjoni ambjentali jew li tingħata biss informazzjoni parzjali (l-Artikolu 6)

– L-istabbiliment ta' sistema għat-tixrid ta' informazzjoni ambjentali mal-pubbliku (l-Artikolu 7)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta’ ċerti pjani u programmi li għandhom x’jaqsmu mal-ambjent u li temenda, fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja, id-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex il-pubbliku jingħata informazzjoni (l-Artikoli 2(2)(a) u 2(2)(d))

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni pubblika (l-Artikoli 2(2)(b) u 2(3))

– L-istabbiliment ta’ mekkaniżmu għal kummenti u opinjonijiet pubbliċi li għandhom jitqiesu fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet (l-Artikolu 2(2)(c))

– Il-garanzija ta’ aċċess għall-ġustizzja effettiv, f’waqtu u li ma jiswix tant li jkun projbittiv fil-livell amministrattiv u ġudizzjarju f’dawn il-proċeduri għall-pubbliku (inkluż NGOs) (l-Artikolu 3(7) u l-Artikolu 4(4), valutazzjoni tal-impatt ambjentali u prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta'April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva 2004/35/KE:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtoritajiet kompetenti

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ regoli u proċeduri mmirati lejn il-prevenzjoni u r-rimedju ta’ ħsara lill-ambjent (l-ilma, l-art, l-ispeċijiet protetti u l-ħabitats naturali) abbażi tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas (l-Artikoli 5, 6, 7, Anness II)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ responsabbiltà stretta għal attivitajiet ta' xogħol perikoluż (Artikolu 3(1) u Anness III)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ obbligi għall-operaturi li jieħdu miżuri ta’ prevenzjoni u ta' rimedju meħtieġa inkluża r-responsabbiltà għall-ispejjeż (Artikoli 5, 6, 7, 8, 9 u 10)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ mekkaniżmu għall-persuni affettwati inklużi l-NGOs ambjentali biex tintalab azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti f’każ ta’ danni ambjentali inkluża analiżi indipendenti (Artikoli 12 u 13)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Kwalità tal-arja

Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment u l-klasifikazzjoni ta’ żoni u ta’ agglomerazzjonijiet (l-Artikolu 4 u 5)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbilitment ta’ limiti massimi u minimi ta’ valutazzjoni u valuri ta’ limitu (l-Artikolu 5 u 13)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali f’relazzjoni ma’ sustanzi li jniġġżu l-arja (l-Artikoli 5, 6 u 9)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' pjani tal-kwalità tal-arja għal żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli tas-sustanzi li jniġġsu jkunu jaqbżu l-valur ta' limitu/il-valur mira (l-Artikolu 23)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni għal perjoduqasir fil-każ ta' żoni u agglomerazzjonijiet fejn ikun hemm riskju li jinqabżu l-limiti ta' allert (l-Artikolu 24)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' sistema biex il-pubbliku jingħata informazzjoni (l-Artikolu 26)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/107/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ livelli ta’ stima superjuri u inferjuri (l-Artikolu 4(6)) u ta’ valuri ta’ mira (l-Artikolu 3)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/107/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment u l-klassifikazzjoni ta’ żoni u ta’ agglomerazzjonijiet (l-Artikolu 3 u 4(6))

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/107/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta’ sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali f’relazzjoni ma’ sustanzi li jniġġsu l-arja (l-Artikolu 4)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/107/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– It-teħid ta' miżuri sabiex tinżamm/tittejjeb il-kwalità tal-arja għar-rigward tas-sustanzi li jniġġżu relevanti (l-Artikolu 3)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/107/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' teħid ta' kampjuni u ta' metodi analitiċi xierqa ta' analiżi biex jiddeterminaw il-kontenut tal-kubrit (l-Artikolu 6)

– Il-projbiżżzjoni kontra l-użu ta' żjut karburanti tqal u ta' żejt tal-gass għal applikazzjonijiet b'kontenut ta' kubrit li jkun akbar mill-valuri ta' limitu stabbiliti (l-Artikolu 3(1) - sakemm ma japplikawx eċċezzjonijiet fl-Artikolu 3(2) u 4(1))

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/32/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Direttiva tal-Kunsill 94/63/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (VOC) li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet tas-servizz, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-identifikazzjoni tat-terminals kollha ta' ħażna u ta' tagħbija tal-petrol (Artikolu 2)

– L-istabbiliment ta' miżuri tekniċi biex jitnaqqas it-telf ta' petrol minn stallazzjonijiet ta' ħażna f'terminals u fi stazzjonijiet ta' servizz u matul it-tgħabija/il-ħatt ta' kontejners mobbli fit-terminals (l-Artikoli 3, 4 u 6 u l-Anness III)

– ikun obbligatorju li l-irfid għat-tagħbija ta' tankers tat-triq u l-kontejners mobbli jkunu jirrispettaw ir-rekwiżiti kollha (l-Artikolu 4 u 5)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 94/63/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/42/CE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi u li jemenda d-Direttiva 1999/13/KE

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' valuri ta' limitu għal kontenut ta' KOV massimu għal żebgħa u lostri (Artikolu 3 u Anness II)

– L-istabbiliment ta' rekwiżiti biex jiġi żgurat l-ittikettar ta' prodoti li jitqiegħdu fis-suq u t-tqiegħid fis-suq ta' prodotti konformi mar-rekwiżiti relevanti (l-Artikoli 3 u 4)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/42/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tar-riżorsi

Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-identifikazzjoni ta’ distretti ta’ baċini tax-xmajjar u l-koordinazzjoni xierqa għall-preservazzjoni ta’ xmajjar, għadajjar u ilmijiet kostali internazzjonali (Artikolu 3(1) sa 3(7))

– Analiżi tal-karatteristiċi ta' distretti tal-baċin tax-xmara (Artikolu 5)

– L-istabbiliment ta' programmi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma (Artikolu 8)

– Il-preparazzjoni ta’ pjanijiet ta’ mmaniġġar tal-baċin tax-xmara, konsultazzjonijiet mal-publiku u l-pubblikazzjoni ta’ dawn il-pjanijiet (l-Artikoli 13 u 14)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/60/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji tal-għargħar

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Issir valutazzjoni prelimari dwar l-għargħar (Artikoli 4 u 5)

– Il-preparazzjoni ta' mapep ta' periklu tal-għarghar u mapep ta' riskju ta' għargħar (Artikolu 6)

– L-istabbiliment ta' pjanijiet għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar (Artikolu 7)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/60/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Valutazzjoni tal-istatus tal-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi

– L-identifikazzjoni ta' żoni u agglomerazzjonijiet sensittivi (Artikolu 5(1) u Anness II)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/271/KEE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– Il-preparazzjoni ta' programm tekniku u ta' investiment għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tat-trattament tal-ilma urban mormi (Artikolu 17(1))

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/271/KEE jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' standards għall-ilma tax-xorb (Artikoli 4 u 5)

– L-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ (l-Artikoli 6 u 7)

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni (l-Artikolu 13)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta’ Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilmijiet kontra t-tniġġis ikkawżat minn nitrati minn sorsi agrikolturali, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Stabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ (l-Artikolu 6)

– Identifikazzjoni ta' ilmijiet imniġġsa jew ilmijiet f'riskju u l-identifikazzjoni ta' żoni vulnerabbli għan-nitrati (l-Artikolu 3)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/676/KEE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni u kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin għal żoni vulnerabbli għan-nitrati (l-Artikoli 4 u 5)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/676/KEE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Immaniġġjar tal-iskart

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-immaniġġar tal-iskart u li tħassar ċerti Direttivi

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– il-preparazzjoni ta' pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart konformi mal-ġerarkija tal-iskart ta' ħames passi u ta' programmi għall-prevenzjoni tal-iskart (il-Kapitolu V)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-irkupru sħiħ tal-kosti f'konformità mal-prinċipju li min iniġġes iħallas u l-prinċipju ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (l-Artikolu 14)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' sistema ta' permessi għal stabbilimenti/impriżi li jwettqu operazzjonijiet biex jiddisponu minn skart jew jirkuprawh, b'obbligi speċifiċi għall-ġestjoni ta' skart perikoluż (il-Kapitolu IV)

– L-istabbiliment ta’ reġistru tal-istabbilimenti u l-impriżi tal-ġbir u t-trasport tal-iskart (Kapitolu IV).

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/98/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, kif emendat

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Il-klassifikazzjoni ta' siti ta' miżbliet (l-Artikolu 4)

– Il-preparazzjoni ta' strateġija nazzjonali biex jitnaqqas l-ammont ta' skart muniċipali bijodegradabbli li jintrema fil-miżbliet (l-Artikolu 5)

– L-istabbiliment ta' sistema ta' applikazzjonijiet u ta' permessi u ta' proċeduri ta' aċċettazzjoni tal-iskart (l-Artikoli 5-7, 11, 12 u 14)

– L-istabbilimenti ta' proċeduri ta' kontroll u ta' monitoraġġ fil-fażi operattiva ta' miżbliet u ta' proċeduri ta' għeluq u ta' kura ta' wara għall-miżbliet li jkunu se jingħalqu (l-Artikoli 12 u 13)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' pjani ta' kundizzjonament għal miżbliet eżistenti (l-Artikolu 14)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/31/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kkostjar (l-Artikolu 10)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/31/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– Jiġi żgurat li l-iskart relevanti jkun soġġett għat-trattament qabel jintrema fil-miżbliet (l-Artikolu 6)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/31/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar l-immaniġġar ta’ skart mill-industriji ta’ estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, żviluppati permezz tad-Deċiżjonijiet 2009/335/KE, 2009/337/KE, 2009/359/KE u 2009/360/KE

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' sistema li tiżgura li l-operaturi jfasslu pjanijiet ta' mmaniġġar tal-iskart (l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart; il-karatterizzazzjoni tal-iskart) (l-Artikoli 4 u 9)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/21/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' sistema ta' permessi, ta' garanziji finanzjarji u ta' sistema ta' spezzjoni (l-Artikoli 7, 14 u 17)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/21/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' proċeduri għall-immaniġġar u l-monitoraġġ tal-ispazji mħaffra (l-Artikolu 10)

– L-istabbiliment ta' proċeduri ta' għeluq u ta' wara l-għeluq għal faċilitajiet tal-iskart (l-Artikolu 12)

– It-tfassil ta' inventarju ta' faċilitajiet tal-iskart mill-minjieri magħluqa (l-Artikolu 20)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/21/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

Il-Ħarsien tan-Natura

Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Il-valutazzjoni ta' speċi ta' għasafar li jkunu jirrekjedu miżuri speċjali ta' konservazzjoni u ta' speċi migratorji regolari

– L-identifikazzjoni u l-ħatra ta' żoni speċjali ta' protezzjoni għal speċi ta' għasafar (l-Artikolu 4(1) u (4))

– L-istabbiliment ta' miżuri speċjali ta' konservazzjoni għall-protezzjoni ta' speċi migratorji regolari (l-Artikolu 4(2))

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/147/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' sistema ġenerali ta' ħarsien għall-ispeċi kollha ta' għasafar selvaġġi li minnhom l-ispeċi kkaċċjati huma sottogrup speċjali u l-projbizzjoni ta' ċerti modi ta' qbid/qtil (l-Artikoli 5, 6(1), 6(2) u 8)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/147/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 fuq il-konservazzjoni ta' l-ambjenti naturali u ta' l-annimali u pjanti salvaġġi, kif emendata

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– Il-preparazzjoni ta' inventarju ta' siti, il-ħatra ta' dawn is-siti u l-istabbiliment ta' prijoritajiet għall-ġestjoni tagħhom (inkluż it-tlestija tal-inventarju ta' siti Emerald potenzjali u l-istabbiliment ta' miżuri ta' ħarsien u ta' mmaniġġar għal dawn is-siti) (l-Artikolu 4)

– L-istabbiliment ta’ miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta’ dawn is-siti, inkluż il-kofinanzjament (l-Artikoli 6 u 8);

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' sistema biex jiġi mmonitorjat l-istat ta' konservazzjoni tal-abitati u l-ispeċi (l-Artikolu 11)

– L-istabbiliment ta' reġim strett ta' protezzjoni tal-ispeċi għal speċi elenkati fl-Anness IV kif ikun relevanti għar-Repubblika tal-Armenja (l-Artikolu 12)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien seba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-promozzjoni tal-edukazzjoni u tal-informazzjoni ġenerali lill-pubbliku (l-Artikolu 22)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/43/KE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

It-tniġġis industrijali u l-perikli industrijali

Id-Direttiva 2010/75/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba’ snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-identifikazzjoni ta' stallazzjonijiet li jkunu jinħtieġu permess (l-Anness I)

– Stabbiliment ta’ sistema ta’ permessi integrata (l-Artikoli 4-6, 12, 21, 24 u lAnness IV)

– L-istabbiliment ta’ mekkaniżmu ta’ monitoraġġ tal-konformità (Artikoli 8, 14(1)(d) u 23(1))

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

– L-implimentazzjoni tal-aħjar tekniki disponibbli (BAT) b'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-BAT fid-Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniki Possibbli (l-Artikoli 14 (3-6) u 15(2-4))

– L-istabbiliment ta' valuri limiti tal-emissjonijiet għal impjanti tal-kombustjoni (l-Artikolu 30 u l-Anness V)

– Il-preparazzjoni ta' programmi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet totali annwali minn impjanti eżistenti (fakoltattiv għall-istabbiliment ta' valuri limiti tal-emissjonijiet għal impjanti eżistenti) (l-Artikolu 32)

Skeda ta' żmien: Jenħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-istallazzjonijiet ġodda u fi żmien tlettax-il sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-istallazzjonijiet eżistenti.

Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar-li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

– L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ħatra ta' awtorità/ajiet kompetenti

– L-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet relevanti

– L-istabbiliment ta' sistemi għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar l-istallazzjonijiet rilevanti u għar-rappurtar dwar inċidenti kbar (l-Artikoli 14 u 16)

Skeda ta' żmien: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/18/UE għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ġestjoni tal-kimiki

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż i

Jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dak ir-Regolament:

– L-implimentazzjoni tal-proċedura tan-notifika ta' esportazzjoni (l-Artikolu 8)

– L-implimentazzjoni ta' proċeduri għall-immaniġġar ta' notifiki tal-esportazzjoni riċevuti mingħand pajjiżi oħra (l-Artikolu 9)

– It-twaqqif ta' proċeduri għall-abbozzar u l-preżentazzjoni ta' notifiki ta' azzjoni regolatorja finali (l-Artikolu 11)

– It-twaqqif ta' proċeduri għall-abbozzar u l-preżentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' importazzjoni (l-Artikolu 13)

– L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għall-esportazzjoni ta' ċerti kimiki, partikolarment dawk elenkati fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam (Artikolu 14)

